Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,443, 11 ta' Lulju, 2003
Taqsima B

A.L. 162 ta' l-2003

REGOLAMENTI TA' L-2003 DWAR PIŻIJIET, DIMENSJONIJIET U TAGĦMIR TAL-VETTURI BIL-MUTUR

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Regolament

1. Titlu.
2. Tifsiriet.
3. Klassifikazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri..
4. Klassifikazzjoni ta' vetturi tal-merkanzija.
5. Klassifikazzjoni ta' *trailers*.
6. Kunflitt.
7. Thassir

TAQSIMA II

DIMENSJONIJIET MASSIMI AWTORIZZATI FIT-TRAFFIKU NAZZJONALI U INTERNAZZJONALI U L-PIŻIJIET MASSIMI AWTORIZZATI FIT-TRAFFIKU INTERNAZZJONALI

8. Vetturi tal-merkanzija u *trailers*.
9. Konformità ma' ħtiġiet ta' l-Ewwel Skeda
10. Eċċezzjonijiet.
11. Vetturi u trailers tat-trasport tal-passiġġieri.
12. Konformità ma' ħtiġiet tat-Tieni Skeda.
13. Eċċezzjonijiet temporanji.
14. Prova ta' konformità.
15. Sinjali projbittivi tat-toroq jipprevalu.

TAQSIMA III

STALLAZZJONI U UŻU TA' TAGĦMIR LI JILLIMITA L-VELOĊITÀ

16. Applikabbiltà.
17. Eċċezzjonijiet.
18. Vetturi tal-merkanzija N3.

19. Tagħmir li jillimita l-veloċità.
20. Limitazzjoni massima tal-veloċità għal vetturi N3.
21. Limitazzjoni massima tal-veloċità għal vetturi tal-merkanzija perikoluża.
22. Vetturi tat-trasport tal-passiġġieri M3.
23. Vetturi reġistrati bejn l-1988 u l-2002.
24. Limitazzjoni massima tal-veloċità għal vetturi tat-trasport tal-passiġġieri M3.
25. Rekwiżiti tekniċi.
26. Stallazzjoni ta' attrezzaturi.

TAQSIMA IV

STALLAZZJONI U UŻU TA' *RECORDING EQUIPMENT (TACHOGRAPHS)*

27. Applikabbiltà.
28. Eċċezzjonijiet.
29. Għarfien tal-marka ta' approvazzjoni dwar tip tal-KE fuq it-tagħmir.
30. Twaħħil tar-*recording equipment*.
31. Trasmissjoni esklusivament elettrika.
32. *Recording equipment* avvanzat
33. Approvazzjoni ta' *fitters* u *workshops*.
34. Bejgħ mill-ġdid eċċ ta' *recording equipment*.
35. Dmirijiet ta' l-impriża, proprjetarju jew min jikri.
36. Dmirijiet tax-xufiera.
37. Irrekordjar manwali.
38. Irrekordjar ta' ħinijiet.
39. Dmirijiet tal-membri ta' l-ekwipaġġ.
40. Spezzjonijiet ta' tagħmir, *record sheets, driver cards* u *print-outs*.
41. Verifiki fuq il-konformità..
42. *Breakdown* jew tħaddim mhux kif imiss ta' l-apparat.

Dispożizzjonijiet Speċifiċi għall-Użu ta' Driver Cards

43. Applikabbiltà.
44. Perijodi rrekordjati ta' ħin.
45. *Driver card* tkun dokument uniku u personalizzat.
46. Min jimpjega u x-xufier għandhom jiżguraw li kull *print-out* toħroġ sew.
47. Dmir li jiġu żgurati funzjonijiet korretti.
48. Rekwiżiti dwar residenza normali.
49. Data dwar pajjiżi.
50. Ħsara, nuqqas li taħdem sew, telf jew serq tad-*driver card*.
51. Tiġdid, sostituzzjoni jew skambju tad-*driver card*.

TAQSIMA V

STALLAZZJONI U UŻU TA' *TAXIMETERS*

52. Użu obbligatorju ta' *taximeters*.
53. Alterazzjonijiet għal *taximeters*.
54. Disinji u alterazzjonijiet tat-taximeter għandhom jikkonformaw ma' din it-Taqsima.
55. Kostruzzjoni u twaħħil ta' *taximeters* approvati.
56. Dmirijiet ta' xufiera ta' *taxicars*.
57. Pjanċi.
58. Tifsira addizzjonali.
59. Twaħħil u tiswija tat-*taximeters*.
60. *Taximeter* għandu jitwaħħal qabel it-testijiet tat-triq.
61. *Taximeter* partikolari għal kull *taxicar*.
62. Dawra tat-*tyres*.
63. *Taximeter* difettuż.

TAQSIMA VI

TREAD DEPTH MINIMU TAT-*TYRES*

64. *Tread depth* minimu tat-*tyres*.
65. Vettura ma tistax tiċċirkola jekk ma għandhiex dan it-*tread depth* minimu.
66. Esklużjonijiet.

TAQSIMA VII

STALLAZZJONI U UŻU TA' *BUS TICKETING MACHINES*

67. Applikabbiltà.
68. Twaħħil u tiswija tal-*bus ticketing machines*.
69. Dmirijiet ta' l-impriża jew il-proprjetarju.
70. Dmirijiet tax-xufiera.
71. *Bus ticketing machines* difettużi.
72. Verifiki ta' konformità.

TAQSIMA VIII

REATI U PIENI

73. Offiżi u multi.

L-EWWEL SKEDA

Piżijiet u dimensjonijiet massimi ġenerali u karatteristiċi relatati tal-vetturi

IT-TIENI SKEDA

Piżijiet u dimensjonijiet massimi għal vetturi tat-trasport tal-passiġġieri reġistrati f'Malta u użati esklusivament f'Malta

IT-TIELET SKEDA

Pjanċa dwar dimensjonijiet

IR-RABA' SKEDA

Vetturi eżenti mir-rekwiżit li jistallaw ir-recording equipment

IL-ĦAMES SKEDA

Proċeduri għall-verifika u spezzjoni tar-recording equipment

A.L. 162 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li gejjin:

Taqsima I

PRELIMINARI

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur.

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-trasport jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"*advanced recording equipment*" tfisser apparat ta' reġistrazzjoni mgħammar b'*card readers* biex jidħlu fihom d*river memory cards*, *printer* integrat jew separat, strumenti ta' wirja u faċilitajiet għad-*downloading* tad-*data memory* skond ir-rekwiżiti li għandha tistabbilixxi l-Awtorità;

"*articulated bus*" tfisser xarabank li tikkonsisti f'żewġ taqsimiet riġidi mwaħħlin flimkien permezz ta' *articulated section*. Fuq dan it-tip ta' vettura l-kompartimenti tal-passiġġieri f'kull waħda miż-żewġ taqsimiet riġidi għandhom jikkomunikaw bejniethom. It-taqsima artikolata għandha tippermetti ċ-ċaqliq liberu tal-vjaġġaturi bejn it-taqsimiet riġidi. Konnessjoni u diskonnessjoni taż-żewġ taqsimiet għandha tkun possibbli biss f'*workshop*;

"*articulated vehicle*" tfisser kombinazzjoni ta' vettura li timxi mekkanikament (minbarra biċikletta) u vettura li tinġibed, imwaħħla permezz ta' superimpożizzjoni parzjali, u mibnija u

mwaħħla b'tali mod li mhux inqas minn 20 fil-mija tal-piż tal-vettura miġbuda tinġarr mill-vettura li timxi mekkanikament;

Att XXIII ta' l-2000.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kif stabbilita bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

"*bus*" tfisser vettura b'iktar minn disa' sedili inkluż is-sedil tax-xufier, mibnijia u mgħammra biex iġġor il-passiġġieri u l-valiġġi tagħhom;

"*data memory*" tfisser *electronic storage system* mibnija fir-*recording equipment*, kapaċi li taħżen għall-inqas 356 jum tal-kalendarju mir-*recording equipment*. Il-memorja għandha tiġi protetta b'tali mod li jiġi mrażżan aċċess mhux awtorizzat għal u manipolazzjoni tad-*data,* u biex tiskopri attentati dwar dan;

"dimensjonijiet massimi awtorizzati" tfisser id-dimensjonijiet massimi għall-użu tal-vettura, kif stabbilit fl-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti;

"*driver card*" (bil-memorja) tfisser tagħmir li jista' jinqala' għat-trasferiment u ħażna ta' l-informazzjoni allokat mill-awtoritajiet ta' l-Istati tal-Ftehim għal kull individwu għall-għanijiet ta' identifikazzjoni tax-xufier u għall-ħażna ta' data essenzjali. Il-format u speċifikazzjonijiet tekniċi tad-*driver card* (bil-memorja) għandhom jilħqu r-rekwiżiti li għandhom jiġi stabbiliti mill-Awtorità;

"ftehim" tfisser ftehim bejn gruppi ta' stati, li għalih Malta tkun parti, li reċiprokament jagħti liċ-ċittadini ta' dawn l-istati jew lid-dependenti tagħhom id-dritt li jidħlu, jibqgħu u jirresjedu fil- u jitilqu mill-pajjiż ta' dak l-Istat, li jiċċaqalqu bla tfixkil f'dawn l-istati għal tali żmien li jista' jiġi stabbilit fil-ftehim u li jaħdmu jew iwaqqfu, jipprovdu jew jirċievu servizzi fihom; u "Stat tal-Ftehim" u "ċittadin ta' Stat tal-Ftehim" jinftiehmu b'dan il-mod; u fejn Stat huwa parti għal tali ftehim bla ħsara għal modifiki u adattamenti, ċittadin ta' Stat tal-Ftehim huwa soġġett għal dawk il-modifiki jew adattamenti li jistgħu jiġu preskritti;

"impriża" tfisser persuna naturali, persuna legali, kemm jekk għall-profitt jew le, assoċjazzjoni jew grupp ta' persuni mingħajr personalità legali, kemm jekk għall-profitt kemm le, jew korp uffiċjali, kemm jekk għandu l-personalità legali tiegħu jew le dipendenti fuq awtorità li għandha tali personalità;

"kanali ewlenin" tfisser il-kanali wesgħin fil-parti ċentrali tat-*tread surface*, li jkopri xi tliet kwarti tal-wesgħa tat-*tread surface*;

"kombinazzjoni ta' vetturi tfisser:

– jew *road train* li tikkonsisti f'vettura bil-mutur ikkombinata ma' *trailer*; jew

– *articulated vehicle* li tikkonsisti f'vettura bil-mutur ikkombinata ma' *semi-trailer*;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-trasport f'Malta;

"p.g.v." tfisser piż gross tal-vettura;

"piż gross tal-vettura" tfisser il-piż fuq it-triq speċifikat mill-fabbrikant bħala l-kapaċità ta' piż massimu maħsuba għall-vettura, u dan il-piż jikkonsisti fil-piż ikkombinat tal-vettura, it-tagħbija massima speċifikata, ix-xufier u t-tank mimli karburanti;

"piż massimu awtorizzat" tfisser il-piż massimu għall-użu ta' vettura mgħobbija, kif stabbilit fl-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti;

"piż massimu tal-fus" tfisser il-piż massimu ta' fus mgħobbi jew grupp ta' fisien, kif stabbilit fl-Ewwel u t-Tieni Skeda li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti;

"residenza normali" tfisser il-post fejn persuna tgħix abitwament, għal mill-inqas 185 jum f'kull sena kalendarja, minħabba rabtiet personali jew okkupazzjonali, jew fil-każ ta' persuna bl-ebda rabta okkupazzjonali, minħabba rabtiet personali li juru rabtiet mill-qrib bejn dik il-persuna u l-post fejn tkun qed tgħix. Iżda, ir-residenza normali ta' persuna li r-rabtiet okkupazzjonali tagħha huma f'post differenti mir-rabtiet personali u konsegwentement tgħix f'postijiet differenti minn ħin għall-ieħor, f'żewġ Stati tal-Ftehim jew aktar, titqies bħala l-post tar-rabtiet personali tagħha, jekk il-persuna tmur lura hemmhekk regolarment. Din l-aħħar kondizzjoni m'għandhiex għalfejn tintlaħaq fejn persuna tgħix fi Stat tal-Ftehim sabiex twettaq xogħol għal żmien definit. L-attendenza f'università jew skola ma timplikax teħid ta' residenza normali;

"*recording equipment*" jew "*tachograph*" tfisser it-tagħmir totali maħsub għall-istallazzjoni fil-vetturi tat-toroq biex juri,

jirreġistra u jaħżen awtomatikament jew semi-awtomatikament dettalji dwar iċ-ċaqliq ta' dawn il-vetturi u ta' xi perijodi ta' ħidma tax-xufiera tagħhom;

"*Scheduled Bus Service*" tfisser is-servizz tax-xarabank nazzjonali regolari awtorizzat mill-Awtorità;

"*semi-trailer*" tfisser *trailer* mingħajr fus ta' quddiem ikkombinat b'tali mod li parti sostanzjali mill-piż tiegħu u l-piż tat-tagħbija tiegħu jinġarru mit-*tractor* jew vettura bil-mutur;

"*tachograph card*" tfisser *smart card* jew attrezzatura simili maħsuba għall-użu ma' *recording equipment*. Tippermetti għall-identifikazzjoni mir-*recording equipment* ta' l-identità (jew grupp ta' identitajiet) tal-persuna li għandha l-*card* u tippermetti t-trasferiment u l-ħażna tad-data;

"tagħmir li jillimita l-veloċità" tfisser tagħmir li l-funzjoni primarja tiegħu hi li jikkontrolla d-dħul tal-*fuel* fil-makna sabiex jillimita l-veloċità tal-vettura għall-valur speċifikat.

"*tractor*" tfisser vettura li timxi waħedha mekkanikament li tiċċirkola fit-triq, minbarra vettura li timxi fuq il-binarji, u maħsuba b'mod speċjali biex tiġbed, timbotta jew iċċaqlaq *trailers, semi-trailers*, implementi jew makni;

"*trailer*" tfisser kull vettura maħsuba li tiġi kkombinata ma' vettura bil-mutur jew *tractor*;

"triq pubblika" tfisser toroq nazzjonali, arterjali, distributorji, ta' aċċess u ta' aċċess lokali kif definit fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan);

A.L. 191 ta' l- 2002.

"tunnellata" tfisser il-piż esegwit mill-piż ta' tunnellata u tikkorrispondi għal 9,8 *kilonewtons* (kN);

"vettura bil-mutur" tfisser kull vettura li timxi waħedha mekkanikament li tiċċirkola fit-triq, minbarra vettura li timxi fuq binarji;

"*workshop* jew *fitter card*" tfisser *tachograph card* maħruġa mill-Awtorità lil fabbrikant tar-*recording equipment*, *fitter*, fabbrikant tal-vetturi jew *workshop*, approvat mill-Awtorità.

Klassifikazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri.

3. Il-vetturi tal-passiġġieri għandhom jiġu kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin:

KATEGORIJA M

Vetturi għall-ġarr tal-passiġġieri u li għandhom erba' roti jew inqas, jew tliet roti u piż massimu ta' aktar minn 1.0 tunnellata p.g.v.:

– M1 - Vetturi li jġorru l-passiġġieri sa massimu ta' 8 sedili (eskluż ix-xufier);

– M2 - Vetturi li jġorru l-passiġġieri b'aktar minn 8 sedili (eskluż ix-xufier) u li għandhom piż massimu mhux aktar minn 5.0 tunnellati p.g.v;

– M3 - Vetturi li jġorru l-passiġġieri b'aktar minn 8 sedili (eskluż ix-xufier) u li għandhom piż massimu ta' aktar minn 5.0 tunnellati p.g.v.

Klassifikazzjoni ta' vetturi tal-merkanzija.

4. Il-vetturi tal-merkanzija għandhom jiġu kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin:

KATEGORIJA N

Vetturi għall-ġarr tal-merkanzija u li għandhom erba' roti jew inqas, jew tliet roti u piż massimu ta' aktar minn 1.0 tunnellata p.g.v.:

– N1 - Vetturi tal-merkanzija b'piż massimu mhux aktar minn 3.5 tunnellati p.g.v.

– N2 - Vetturi tal-merkanzija b'piż massimu ta' aktar minn 3.5 tunnellati iżda mhux aktar minn 12.0-il tunnellata p.g.v.;

– N3 - Vetturi tal-merkanzija b'piż massimu ta' aktar minn 12.0-il tunnellata p.g.v.

Klassifikazzjoni ta' *trailers*.

5. Il-*trailers* għandhom jiġu klassifikati kif ġej:

KATEGORIJA O

Trailers (li jinkludu s-*semi-trailers*)

– O1 - *Trailers* li l-piż tagħhom ma jeċċedix 0.75 tunnellata p.g.v.

– O2 - *Trailers* bil-piż massimu aktar minn 0.75 tunnellata iżda mhux aktar minn 3.5 tunnellati p.g.v.

– O3 - *Trailers* bil-piż massimu aktar minn 3.5 tunnellati iżda mhux aktar minn 10.0 tunnellati p.g.v.

– O4 - *Trailers* bil-piż massimu aktar minn 10.0 tunnellati p.g.v.

Kunflitt.

6. Jekk xi ħaga f'dawn ir-regolamenti m'hix konsistenti jew tikkonfliġġi mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu u sa' l-estent ta' dawn l-inkonsistenzi jew konflitti, ir-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, jitqiesu nulli u mingħajr effett.

Thassir.

7. It-Taqsima XV u r-regolamenti 111, 205, 224, 226 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, 1994, huma b'dan imħassra.

Taqsima II

DIMENSJONIJIET MASSIMI AWTORIZZATI FIT-TRAFFIKU NAZZJONALI U INTERNAZZJONALI U L-PIŻIJIET MASSIMI AWTORIZZATI FIT-TRAFFIKU INTERNAZZJONALI

Vetturi tal-merkanzija u *trailers*.

8. Vetturi tal-merkanzija fil-kategoriji N2 u N3 u l-kategoriji tagħhom fil-kategoriji O3 u O4 reġistrati f'Malta għandhom jikkonformaw mal-valuri ta' limitu fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Konformità ma' ħtiġiet ta' l-Ewwel Skeda.

9. L-ebda vettura jew kombinazzjoni ta' vetturi ma għandha tiġi permessa li tiċċirkola f'Malta għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija f'Malta jekk din ma tkunx tikkonforma mal-karatteristiċi stabbiliti fil-punti 1.1, 1.2, 1.4 sa 1.8, 4.2 u 4.4 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Eċċezzjonijiet.

10. Il-Kummissarju tal-Pulizija, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità jista', f'każi speċjali li għandhom jiġu deċiżi individwalment, jagħti permess għaċ-ċirkolazzjoni f'Malta ta' vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi għat-trasport nazzjonali tal-merkanzija li ma jkunux jikkonformaw mal-karatteristiċi stabbiliti fil-1.3, 2, 3, 4.1 u 4.3 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Vetturi u *trailers* tat-trasport tal-passiġġieri.

11. Vetturi tat-trasport tal-passiġġieri (kategoriji M2 u M3 u t-*trailers* tagħhom fil-kategoriji O3 u O4) ireġistrati fi Stat ieħor u li jiċċirkolaw temporanjament f'Malta bħala parti minn vjaġġ internazzjonali jew f'operazzjonijiet b'kabotaġġ għandhom ikunu jikkonformaw mal-valuri ta' limitu stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Konformità ma' ħtiġiet tat-Tieni Skeda.

12. Vetturi tat-trasport tal-passiġġieri (kategoriji M2 u M3 u t-*trailers* tagħhom fil-kategoriji O3 u O4) reġistrati f'Malta u li jintużaw esklusivament f'Malta għandhom ikunu jikkonformaw mal-limiti stabbiliti għall-piżijiet u d-dimensjonijiet li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Eċċezzjonijiet temporanji.

13. Il-Kummissarju tal-Pulizija b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità jista' jippermetti vetturi jew kombinazzjonijiet ta' vetturi li jinkorporaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li ma jistgħux jikkonformaw ma' rekwiżit wieħed jew aktar f'dawn ir-regolamenti biex iwettqu xi operazzjonijiet ta' trasport lokali għal żmien ta' prova.

Prova ta' konformità.

14. (1) Vetturi tal-merkanzija u tat-trasport tal-passiġġieri fil-kategoriji msemmija f'din it-Taqsima li jkunu jikkonformaw ma' dawn ir-regolamenti għandhom iġorru waħda mill-provi li ġejjin:

(a) kombinazzjoni taż-żewġ pjanċi li ġejjin:

(i) il-'pjanċa tal-fabbrikant' stabbilita u mwaħħla skond ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE tal-Vetturi bl-Mutur,

(ii) il-pjanċa dwar id-dimensjonijiet, skond it-Tielet Skeda, mwaqqfa u mwaħħla skond dawk l-istess regolamenti; jew

(b) pjanċa waħda stabbilita u mwaħħla skond ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE tal-Vetturi bil-Mutur, li jkun fiha l-informazzjoni fiż-żewġ pjanċi msemmijin f'(a); jew

(ċ) dokument wieħed maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat tal-Ftehim li fih tkun reġistrata l-vettura jew tkun bdiet tiċċirkola. Dan id-dokument għandu jkollu l-istess intestaturi u informazzjoni bħall-pjanċi msemmija fis-subparagrafu (a). Għandu jinżamm f'post aċċessibbli b'mod faċli għall-ispezzjoni u għandu jiġi protett b'mod xieraq.

(2) Jekk il-karatteristiċi ta' vettura reġistrata f'Malta ma jkunux għadhom jikkorrispondu għal dawk indikati fuq il-prova ta' konformità stipulati fis-subregolament (1), l-Awtorità għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li tinbidel il-prova tal-konformità.

(3) Il-pjanċi u d-dokumenti msemmija fis-subregolament (1) għandhom jiġu magħrufa mill-Awtorità bħala l-prova tal-konformità tal-vettura kontemplata f'dawn ir-regolamenti.

Sinjali projbittivi tat-toroq jipprevalu.

15. Il-limiti tad-dimensjonijiet u l-piżijiet stabbiliti f'din it-Taqsima ta' dawn ir-regolamenti li jgħoddu għal vetturi li jiċċirkolaw fit-triq għandhom jgħoddu mingħajr preġudizzju għal sinjali projbittivi tat-toroq stabbiliti biex jipproteġu lil xi infrastutturi tat-toroq li m'humiex xierqa għal vetturi twal u tqal, minn ħsara skond ir-Regolamenti ta' l-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata.

A.L. 94 ta' l-1969.

Taqsima III

STALLAZZJONI U UŻU TA' TAGĦMIR LI JILLIMITA L-VELOĊITÀ

Applikabbilità.

16. Din it-Taqsima tgħodd għal vetturi tal-merkanzija fil-Kategorija N3 u vetturi tat-trasport tal-passiġġieri fil-Kategorija M3 li huma maħsuba għall-użu fit-triq, li għandhom mill-inqas 4 roti u veloċità maħsuba li teċċedi 25 kph.

Eċċezzjonijiet.

17. (1) Ir-rekwiżiti ta' din it-Taqsima ma għandhomx jgħoddu għal dawn li ġejjin:

– Vetturi bil-mutur użati mill-forzi armati, difiża ċivili, servizzi tan-nar jew servizzi oħra ta' emerġenza u forzi responsabbli biex iżommu l-ordni pubblika

– Vetturi bil-mutur li skond il-binja tagħhom ma jistgħux isuqu aktar mil-limitu kkontemplat fir-regolament 16;

– Vetturi bil-mutur użati għal testijiet xjentifiċi fit-toroq;

– Vetturi bil-mutur użati biss għal servizzi pubbliċi f'żoni urbani

Vetturi tal-merkanzija N3.

18. Il-vetturi tal-merkanzija li ġejjin fil-Kategorija N3 għandhom ikunu attrezzati b'tagħmir li jillimita l-veloċità li jkun jaħdem għal kollox:

(a) Vetturi tal-merkanzija rreġistrati f'Malta biex joperaw internazzjonalment jew reġistrati fi Stat tal-Ftehim u li jiċċirkolaw fir-triq;

(b) Vetturi tal-merkanzija reġistrati ġodda f'Malta wara l-31 ta' Diċembru 2002;

Tagħmir li jillimita l-veloċità.

19. Il-vetturi tal-merkanzija fil-Kategorija N3 rreġistrati f'Malta bejn l-1 ta' Jannar 1988 u l-31 ta' Diċembru 2002 għandhom ikunu attrezzati b'tagħmir li jillimita l-veloċità li jkun jaħdem għal kollox mill-1 ta' Jannar 2006.

20. Il-limitazzjoni massima tal-veloċità għall-vetturi tal-merkanzija msemmija fir-regolamenti 18 u 19 għandha tkun 86 kph fuq it-tagħmir li jillimita l-veloċità. Limitazzjoni massima tal-veloċità għal vetturi N3.

21. Il-limitazzjoni massima tal-veloċità għal vetturi reġistrati u użati esklusivament f'Malta għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża għandha tkun 86 kph fuq it-tagħmir li jillimita l-veloċità. Limitazzjoni massima tal-veloċità għal vetturi tal-merkanzija perikoluża.

22. Il-vetturi tat-trasport tal-passiġġieri li ġejjin fil-kategorija M3 għandhom ikunu attrezzati bit-tagħmir li jillimita l-veloċità li jaħdem għal kollox: Vetturi tat-trasport tal-passiġġieri M3.

(a) Vetturi tat-trasport tal-passiġġieri reġistrati f'Malta biex joperaw internazzjonalment jew reġistrati fi Stat tal-Ftehim u li jiċċirkolaw fir-triq;

(b) Vetturi tat-trasport tal-passiġġieri reġistrati ġodda f'Malta wara l-31 ta' Diċembru 2002;

23. Vetturi tat-trasport tal-passiġġieri fil-Kategorija M3 reġistrati f'Malta bejn l-1 ta' Jannar 1988 u l-31 ta' Diċembru 2002 għandhom ikunu attrezzati bit-tagħmir li jillimita l-veloċità li jaħdem għal kollox mill-1 ta' Jannar 2006. Vetturi reġistrati bejn l-1988 u l-2002.

24. Il-veloċità massima għall-vetturi tat-trasport tal-passiġġieri msemmija fir-regolamenti 21 sa 23 għandha tkun 100 kph fuq it-tagħmir li jillimita l-veloċità. Limitazzjoni massima tal-veloċità għal vetturi tat-trasport tal-passiġġieri M3.

25. It-tagħmir li jillimita l-veloċità għandu jilħaq kull rekwiżit tekniku li jitwaqqaf skond kull liġi jew regolament fis-seħħ f'Malta. Rekwiżiti tekniċi.

26. It-tagħmir li jillimita l-veloċità għandu jiġi stallat minn *workshops* jew korpi approvati mill-Awtorità jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat tal-Ftehim. Stallazzjoni ta' attrezzaturi.

Taqsima IV

STALLAZZJONI U UŻU TA' *RECORDING EQUIPMENT* (*TACHOGRAPHS*)

27. Din it-Taqsima għandha tgħodd għal vetturi bil-mutur li huma fil-kategorija M3 ta' aktar minn 10 tunnellati p.g.v. u fil-kategorija N3 u li huma reġistrati: Applikabbiltà.

(a) fi Stat tal-Ftehim u jiċċirkolaw fit-triq f'Malta; jew

(b) f'Malta għal operazzjoni internazzjonali.

Eżenzjonijiet.

28. Vetturi bil-mutur li jwettqu servizzi elenkati fir-Raba' Skeda huma eżenti mill-applikazzjoni tar-regolament 30.

Għarfien tal-marka ta' approvazzjoni dwar tip tal-KE fuq it-tagħmir.

29. L-Awtorità għandha tagħraf *recording equipment* li jkollu l-marka ta' approvazzjoni dwar tip tal-KE maħruġa minn awtorità kompetenti fi Stat tal-Ftehim skond leġislazzjoni fis-seħħ fit-territorju ta' l-Istat tal-Ftehim.

Twaħħil tar-*recording equipment*.

30. Il-vetturi bil-mutur kollha msemmija fir-regolament 27 għandu jkollhom imwaħħal *recording equipment*, kif approvat mill-Awtorità jew mill-awtorità kompetenti ta' Stat tal-Ftehim.

Trasmissjoni esklusivament elettrika.

31. Vetturi bil-mutur imsemmija fir-regolament 27 li huma reġistrati għall-ewwel darba wara l-1 ta' Jannar 1996 għandhom, sa fejn it-trasmissjoni ta' sinjali lir-*recording equipment* imwaħħal fuqhom tkun waħda esklusivament elettrika, ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Awtorità meta jinbidel it-tagħmir in kwistjoni.

Recording equipment avvanzat.

32. Vetturi bil-mutur imsemmija fir-regolament 27, li jitqiegħdu fis-servizz għall-ewwel darba wara l-31 ta' Diċembru 2002, għandu jkollhom imwaħħal *advanced recording equipment* ġdid.

Approvazzjoni ta' *Fitters* u *Workshops*.

33. (1) *Recording equipment* jista' jitwaħħal biss fuq vetturi, jissewwa jew jinteħħa minnhom minn *fitters* jew *workshops* approvati għal dak il-għan mill-Awtorità.

(2) L-Awtorità għandha, wara konsultazzjoni mal-Ministru, tistabbilixxi proċeduri u kundizzjonijiet li għandhom jiġu adottati minn *fitters* u *workshops* approvati.

(3) L-Awtorità tista' tirtira l-approvazzjoni minn kull *fitter* jew *workshop* għal nuqqas ta' konformità ma' dawn il-proċeduri u kundizzjonijiet.

(4) Uffiċjal awtorizzat li jispezzjona jista' jidħol fil-post ta' *fitter* jew *workshop* approvat għall-istallazzjoni, tiswija u spezzjoni ta' *recording equipment* u jispezzjona kull dokument, reġistru jew tagħmir li jinżamm fil-post.

Bejgħ mill-ġdid, eċċ ta' *recording equipment*.

34. L-Awtorità għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-bejgħ mill-ġdid jew id-dekommissjoni ta' xi *recording equipment* ma

jistax jiżvija, partikolarment, mill-applikazzjoni sodisfaċenti ta' dawn ir-regolamenti.

Dmirijiet ta' l-impriża, proprjetarju u min jikri.

35. L-impriża jew il-proprjetarju jew min jikri l-vettura għandu:

(a) jaċċerta li kull *recording equipment* ikun stallat, jintuża u jaħdem sew f'kull ħin fil-vetturi msemmija fir-regolament 27 bil-mod stabbilit minn linji ta' gwida li għandhom jiġu provduti mill-Awtorità;

(b) joħroġ numru biżżejjed ta' *record sheets* lix-xufiera tal-vetturi li għandhom *recording equipment*, filwaqt li jikkunsidraw:

(i) il-fatt li dawn il-karti huma personali fil-karattru,

(ii) it-tul tal-perijodu ta' servizz u

(iii) id-dmir potenzjali li jiġu sostitwiti karti danneġġjati, jew li jinżammu minn uffiċjal awtorizzat li jispezzjona;

(ċ) joħroġ biss lix-xufiera, karti ta' mudell approvat xieraq għall-użu fit-tagħmir stallat fil-vettura;

(d) iżomm il-karti sewwa għal mill-inqas sena wara li jkunu ntużaw u jagħti kopji lix-xufiera konċernati li jitolbuhom. Il-karti għandhom jiġu ppreżentati jew jingħataw fuq talba ta' kull uffiċjal awtorizzat li jispezzjona;

(e) jagħmel arranġamenti għal verifiki jew spezzjonijiet perjodiċi kif deskritt fil-Ħames Skeda u skond ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Merkanzija bil-Vetturi bil-Mutur, u r-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri bil-Vetturi bil-Mutur.

Dmirjiet tax-xufiera.

36. Xufier ta' vettura li taqa' taħt din it-Taqsima għandu:

(a) jiżgura li *recording equipment* jiġi stallat u jkun jaħdem tajjeb f'kull ħin f'vetturi msemmija fir-regolament 27 fil-mod imwaqqaf minn linji ta' gwida li għandhom jiġu pprovduti mill-Awtorità;

(b) jużaw ir-*recording equipment* b'mod li dan ikun jikkonforma mar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Merkanzija bil-Vetturi bil-Mutur, u r-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-

Passiġġieri bil-Vetturi bil-Mutur, dwar il-ħinijiet tas-sewqan, ħinijiet tal-mistrieħ u pawżi mis-sewqan;

(ċ) juża r-*record sheets* jew *driver cards* f'kull jum meta jkun qed isuq mill-ħin meta jieħu l-vettura f'idejh;

(d) jevita li juża *record sheets* jew *driver cards* maħmuġin jew li jkollhom xi ħsara. Il-folji jew *cards* għandhom jiġu protetti b'mod xieraq għal dan l-iskop;

(e) iwaħħal il-karta li jkollha ħsara mal-karta żejda li tintuża biex tissostitwiha meta xi karta li jkun fiha r-reġistrazzjonijiet tiġi mħassra;

(f) jemenda r-*record sheets* jew driver cards kif jinħtieġ jekk ikun hemm iktar minn xufier wieħed fuq il-vettura, sabiex l-informazzjoni rilevanti tiġi reġistrata fuq ir-*record sheet* tax-xufier li fil-fatt ikun qiegħed isuq;

(ġ) irodd kull *record sheet* li tgħodd għalih lil min ikun impjegah għal xi spezzjoni u biex tinżamm malli jkun prattiku imma mhux aktar tard minn 21 jum wara li timtela;

(ħ) jaċċerta li l-ħin reġistrat fuq il-karta ikun jaqbel mal-ħin uffiċjali fil-pajjiż fejn il-vettura tkun reġistrata,

(i) iħaddem il-mekkaniżmi ta' swiċċ li jippermettu l-perijodi ta' ħin segwenti li jiġu reġistrati separatament u distintament:

i. Taħt is-sinjal: ħin tas-sewqan;

ii. Taħt is-sinjal:  il-ħinijiet kollha l-oħra tax-xogħol

iii. Taħt is-sinjal:  ħinijiet oħra ta' disponibilità u ċjoè:

– ħin ta' stennija, i.e. il-ħin li fih ix-xufiera jeħtieġu li jibqgħu f'posthom biss biex jirrispondu sejħiet biex jibdew jew ikomplu s-sewqan jew biex jagħmlu xogħol ieħor,

– ħin imqatta' ħdejn ix-xufier meta l-vettura tkun miexja,

– ħin imqatta' fuq kuċċetta meta l-vettura tkun miexja;

iv. Taħt is-sinjal:  pawżi fix-xogħol u ħinijiet tal-mistrieħ ta' kuljum

(j) ma jirtirax ir-*record sheet* jew *driver card* qabel tmiem il-ħin tax-xogħol ta' kuljum sakemm dak l-irtirar ma jiġix xort'oħra awtorizzat;

(k) iżomm lura milli juża *record sheet* biex ikopri ħin itwal minn dak maħsub għalih.

Irrekordjar manwali.

37. Meta, minħabba li ma jkunx fil-vettura, xufier ma jistax juża t-tagħmir imwaħħal fil-vettura, il-ħinijiet indikati fis-subregolament (i) punti (ii), (iii) u (iv) tas-subregolament preċedenti għandhom jitniżżlu fuq il-karta, jew manwalment, jew b'reġistrazzjoni awtomatika jew mod ieħor, b'mod li jinqraw u mingħajr ma titħammeġ il-karta.

Irrekordjar ta' ħinijiet.

38. L-Awtorità tista' tippermetti li l-ħinijiet kollha msemmija fis-subregolament (i) punti (ii) u (iii) tar-regolament 36 jiġu reġistrati taħt is-sinjal fuq ir-*record sheets* użati fuq vetturi reġistrati fit-territorju tagħha.

Dmirijiet tal-membri ta' l-ekwipaġġ.

39. Kull membru ta' l-ekwipaġġ għandu jdaħħal l-informazzjoni segwenti fuq ir-*record sheet* tiegħu:

(a) meta jibda juża l-folja - kunjomu u l-ewwel isem tiegħu;

(b) id-data u l-post fejn jibda l-użu tal-folja u d-data u l-post fejn jintemm dak l-użu;

(ċ) in-numru tar-reġistrazzjoni ta' kull vettura li jiġi assenjat għaliha fil-bidu ta' l-ewwel vjaġġ reġistrat fuq il-folja u mbagħad, jekk tinbidel il-vettura, waqt l-użu tal-folja;

(d) L-*odometer reading*:

(i) fil-bidu ta' l-ewwel vjaġġ reġistrat fuq il-folja,

(ii) fit-tmiem ta' l-aħħar vjaġġ reġistrat fuq il-folja

(iii) fil-każ ta' tibdil fil-vettura waqt xi jum tax-xogħol (*reading* fuq il-vettura li hu ġie assenjat għaliha u r-*reading* fuq il-vettura li hu għandu jiġi assenjat għaliha);

(e) fil-ħin ta' kull tibdil ta' vettura.

Spezzjoni ta' tagħmir, *record sheets, driver cards* u *print-outs*.

40. (1) Ir-*recording equipment* għandu jkun disinjat b'tali mod li jagħmilha possibbli għal uffiċjal awtorizzat li jispezzjona, jekk jinħtieġ wara li jinfetaħ it-tagħmir, biex jaqra r-reġistrazzjonijiet dwar id-disa' sigħat qabel il-ħin tal-verifika, mingħajr ma jiddeforma, iħassar jew iħammeġ il-folja b'mod permanenti. It-tagħmir għandu, oltre, ikun disinjat b'tali mod li huwa possibbli, mingħajr ma tinfetaħ il-kaxxa, li jiġi verifikat li qed isiru r-reġistrazzjonijiet.

(2) Fejn ix-xufier isuq vettura li għandha *recording equipment* li jikkonforma ma' rekwiżiti li għandhom jitwaqqfu mill-Awtorità, għandu jkun jista' jippreżenta, kull meta jitlob uffiċjal awtorizzat li jispezzjona:

(a) ir-*record sheets* għall-ġimgħa kurrenti u, f'kull każ, il-folja għall-aħħar jum li jkun saq fih matul il-ġimgħa ta' qabel,

(b) id-*driver card* jekk għandu waħda, u

(ċ) *print-outs* mir-*recording equipment* dwar il-ħinijiet stabbiliti f'linji ta' gwida li għandha tipprovdi l-Awtorità jekk ikun saq vettura li kellha dan ir-*recording equipment* waqt il-ħin imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament.

Verifiki fuq il-konformità.

41. Uffiċjal awtorizzat li jispezzjona għandu jivverifika konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Merkanzija bil-Vetturi bil-Mutur, u r-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Passiġġieri bil-Vetturi bil-Mutur, dwar ħinijiet tax-xogħol u ħinijiet tal-mistrieħ b'analiżi tar-*record sheets*, tad-*data* murija jew maħruġa li ġiet reġistrata mir-*recording equipment* jew mid-*driver card* jew, fin-nuqqas ta' dan, b'analiżi ta' kull dokument ieħor li jappoġġa dan u li jkun jiġġustifika n-nuqqas ta' konformità ma' dispożizzjonijiet, bħalma huma dawk stabbiliti fir-regolament 42 (4).

Breakdown jew tħaddim mhux kif imiss ta' l-apparat.

42. (1) F'każ ta' ħsara jew tħaddim mhux sew tat-tagħmir, min jimpjega għandu jsewwih għand *fitter* jew *workshop* approvat, malli ċ-ċirkostanzi jkunu jippermettulu.

(2) Jekk il-vettura ma tistax tirritorna fil-post ta' min jimpjega fi żmien ġimgħa li tiġi kalkolata mill-jum tal-ħsara jew minn meta jinsab li ma tkunx qed taħdem sew, it-tiswija għandha titwettaq fit-triq.

(3) L-Awtorità tista' tipprojbixxi l-użu ta' vettura fejn il-ħsara jew ħidma mhux sew ma tkunx issewwiet skond is-subregolament ta' hawn qabel.

(4) Meta r-*recording equipment* ma jkunx jista' jintuża jew ma jkunx jaħdem tajjeb, ix-xufiera għandhom jimmarkaw fuq ir-*record sheet* jew folji, jew fuq folja temporanja li għandha titwaħħal mar-*record sheet* jew mad-*driver card*, li fuqha għandha tiddaħħal id-data li tippermettih li jiġi identifikat (numru tad-*driver card* tiegħu u / jew ismu u / jew numru tal-liċenzja tas-sewqan), inklużi l-firma tiegħu, kull informazzjoni għall-ħinijiet varji li ma jkunux qed jiġu reġistrati jew maħruġa sew mir-*recording equipment*.

Dispożizzjonijiet Speċifiċi għall-Użu ta' 'Driven Cards'

Applikabbiltà.

43. Id-dispożizzjonijiet li jgħoddu għall-użu tar-*record sheets* għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* għall-użu ta' *driver cards*.

Perijodi rrekordjati ta' ħin.

44. Sakemm tiġi fis-seħħ is-sistema ġdida tad-*driver cards*, ix-xufiera għandhom fl-aħħar tal-ħin tax-xogħol ta' kuljum tagħhom, joħorġu l-informazzjoni dwar il-ħinijiet varji reġistrati mir-*recording equipment* u jindikaw id-dettalji ta' identifikazzjoni fuq il-*print-out* (isem u numru tal-liċenzja tas-sewqan) u jiffirmawha;

Driver card tkun dokument uniku u personalizzat.

45. Id-*driver cards* għandhom ikunu:

(a) maħruġa u ppersonalizzati mill-Awtorità;

(b) validi għal mhux aktar minn ħames snin;

(ċ) uniċi għal kull xufier; u

(d) mhux trasferibbli

Min jimpjega u x-xufier għandhom jiżguraw li kull *print out* tohroġ sew.

46. Fejn il-vettura jkollha r-*recording equipment*, min jimpjega u x-xufier għandhom jiżguraw li, filwaqt li jikkunsidraw it-tul tal-ħin tas-servizz, ikun jista' jsir *printing* sew meta dan jintalab f'każ ta' spezzjoni.

Dmir li jiġu żgurati funzjonijiet korretti.

47. Fejn xufier jintalab li jsuq vettura b'*advanced recording equipment* ġdid, min jimpjega u x-xufiera għandhom jiżguraw:

(a) il-ħidma sew u l-użu tajjeb tar-*recording equipment* u ta' kull *driver card*.

(b) id-data reġistrata u maħzuna mir-*recording equipment* tista' tkun disponibbli għal mill-inqas 365 jum wara d-data tar-reġistrazzjoni tagħhom u li jistgħu jkunu disponibbli taħt l-istess kundizzjonijiet li jiggarantixxu s-sigurtà u l-preċiżjoni tad-*data*.

Rekwiżiti dwar residenza normali.

48. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima l-kundizzjonijiet ta' residenza normali m'għandhomx għalfejn jintlaħqu minn persuni li jwettqu operazzjonijiet għal żminijiet fissi f'Malta u li jirrisjedu f'Malta għal dak l-iskop. F'dan il-każ:–

(a) ix-xufiera għandhom jippreżentaw evidenza tal-post tar-residenza normali tagħhom b'kull mezz xieraq, bħall-karta ta' l-identità tagħhom jew kull dokument validu ieħor;

(b) fejn l-Awtorità, wara li tkun ħarġet id-*driver card*, għandha raġunijiet biex tiddubita mill-validità ta' attestament dwar residenza normali li jkun sar skond is-subparagrafu (b), jew teħtieġ li teżerċita kontrolli speċifiċi fid-dmirijiet tagħha, tista' titlob kull informazzjoni ulterjuri jew evidenza dwarha;

(ċ) meta toħroġ *driver card* l-Awtorità għandha, sa fejn possibbli, taċċerta li l-applikant m'għandux *driver card* valida diġà.

Data dwar pajjiżi.

49. Ix-xufier għandu jdaħħal fir-*recording equipment* is-simboli tal-pajjiżi li fihom jibda u jispiċċa l-ħin tax-xogħol ta' kuljum tiegħu. Din l-informazzjoni għandha tiġi mdaħħla mix-xufier, jew manwalment jew awtomatikament, jekk ir-*recording equipment* huwa mqabbad ma' *satellite tracking system*.

Ħsara, nuqqas li taħdem sew, telf jew serq tad-*driver card*.

50. Jekk id-*driver card* hija bil-ħsara, ma taħdimx sew, tintilef jew tinsteraq:

(a) ix-xufier għandu japplika għal sostituzzjoni fi żmien sebat ijiem;

(b) l-Awtorità għandha tipprovdi *card* sostitwenti fi żmien ħamest ijiem tal-ħidma minn meta tirċievi talba ddettaljata għal dan.

Tiġdid, sostituzzjoni jew skambju tad-*driver card*.

51. (1) Fejn l-Awtorità tintalab li ġġedded, tissostitwixxi jew tiskambja d-*driver card* ta' persuna b'nazzjonalità Maltija, li l-*card* tagħha tkun inħarġet mill-awtorità ta' Stat tal-Ftehim, għandha tinforma lill-awtorità barranija li ħarġet il-*card* l-antika dwar ir-raġunijiet preċiżi għat-tiġdid, sostituzzjoni jew skambju.

(2) Fejn xufier jixtieq iġedded id-*driver card* tiegħu, huwa għandu japplika lill-Awtorità mhux aktar tard minn 15-il jum tal-ħidma mid-data ta' l-għeluq tal-*card*, u l-Awtorità għandha tipprovdilu *card* ġdida qabel id-data ta' l-għeluq.

(3) Waqt it-terminu ta' validità uffiċjali tagħha, id-*driver card* tista' tiġi rtirata jew tiġi sostitwita jew sospiża jekk l-Awtorità ssib li:

(a) il-*card* ġiet iffalsifikata, jew

(b) ix-xufier qed juża *card* li ma jkunx proprjetarju tagħha, jew

(ċ) il-*card* li tinżamm ġiet akkwistata abbażi ta' dikjarazzjonijiet u/jew dokumenti falsifikati.

Taqsima V

STALLAZZJONI U UŻU TA' *TAXIMETERS*

Użu obbligatorju ta' *taximeters*.

52. It-*taxicars* għandu jkollhom *taximeter* ta' disinn approvat minn żmien għall-ieħor mill-Awtorità u li jkun jikkonforma f'kull rispett mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

Alterazzjonijiet għal *taximeters*.

53. Jekk issir xi alterazzjoni għad-disinn ta' *taximeter* approvat, dan it-*taximeter* ma jibqax jitqies ta' disinn approvat mill-Awtorità sakemm din ma tapprovax dik l-alterazzjoni.

Disinji u alterazzjonijiet tat-*taximeter* għandhom jikkonformaw ma' din it-Taqsima.

54. (1) L-Awtorità ma għandhiex tapprova d-disinn ta' *taximeter* jew xi alterazzjoni tiegħu kemm-il darba dan ma jkunx jikkonforma għal kollox mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima u d-disinn jew kull alterazzjoni tiegħu hu kopert minn ċertifikat ta' eżami mill-Awtorità.

(2) Qabel ma tagħti l-approvazzjoni msemmija hawn qabel, l-Awtorità tista' tordna li jiġi ppreżentat eżemplari tat-*taximeter* flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tal-metodu tiegħu ta' ħdim u tpinġijiet tal-mekkaniżmu tiegħu.

Kostruzzjoni u twaħħil ta' *taximeters* approvati.

55. It-*taximeter* għandu jkun mibni, imwaħħal u miżmum b'tali mod li jkun jikkonforma mar-regoli segwenti:

(a) Jekk it-*taximeter* għandu bandiera jew attrezzatura oħra bil-kliem GĦALL-KIRI -

(i) il-kliem GĦALL-KIRI għandhom jintwerew fuq kull naħa tal-bandiera jew attrezzatura oħra f'ittri ċari għoljin mhux inqas minn 50 mm u l-bandiera jew attrezzatura oħra għandha tkun kapaċi li tissakkar f'pożizzjoni li fiha l-kliem huma orizzontali u leġibbli;

(ii) meta bandiera jew attrezzatura oħra hija msakkra b'tali mod li dawn il-kliem huma orizzontali u leġġibbli l-ebda nol ma għandu jiġi reġistrat fuq wiċċ it-*taximeter*.

(b) Jekk it-*taximeter* ma għandux bandiera jew attrezzatura oħra bil-kliem GĦALL-KIRI -

(i) it-*taximeter* għandu jkollu ċavetta jew attrezzatura oħra li meta tiddawwar għandha ġġiegħel lill-makkinarju tat-*taximeter* jitqabbad u jikkawża l-kelma MIKRI tidher fuq il-wiċċ tat-*taximeter*;

(ii) din iċ-ċavetta jew attrezzatura oħra għandha tkun kapaċi li tissakkar f'pożizzjoni li fiha l-makkinarju tat-*taximeter* ma jkunx qed jaħdem u l-ebda nol ma jiġi reġistrat fuq wiċċ it-*taximeter*.

(ċ) Meta l-makkinarju tat-*taximeter* jkun qed jaħdem għandu jkun hemm reġistrat fuq wiċċ it-*taximeter* f'ċifri leġibbli ċari u liberi minn kull ambigwità, nol skond it-tariffa tan-nolijiet ta' vetturi fit-Tabella IV tar-Regolamenti dwar it-Tariffa tan-Nolijiet tal-Vetturi tal-Vetturi bil-Mutur .

S.L. 332.01.

(d) It-*taximeter* għandu jitqiegħed b'tali mod li l-ittri u ċ-ċifri kollha fuq wiċċu jistgħu jkunu f'kull ħin viżibbli għal kull persuna li tinġarr fit-*taxicar* u għal dan l-iskop, l-ittri u ċ-ċifri għandhom ikunu mdawlin b'mod xieraq matul kull ħin tal-kirja.

Dmirijiet ta' xufiera ta' *taxicars*.

56. (1) Ix-xufier ta' *taxicar* għandu:

(a) Jekk it-*taximeter* għandu bandiera jew attrezzatura oħra bil-kliem GĦALL-KIRI -

(i) meta jkun wieqaf jew ifittex il-kiri, iżomm din il-bandiera jew attrezzatura oħra msakkra fil-pożizzjoni li fiha l-kliem huma orizzontali u leġibbli;

(ii) meta t-*taxicar* tinkera, fil-bidu tal-kirja jħaddem il-makkinarju tat-*taximeter* billi jċaqlaq il-bandiera jew attrezzatura oħra;

(iii) minnufih kif tispiċċa l-kirja jwaqqaf it-*taximeter* milli jaħdem iżda l-ammont tan-nol reġistrat għandu jibqa' muri fuq it-*taximeter* sabiex jippermetti lil min jikri li jkollu opportunità xierqa li jeżaminah. Ix-xufier għandu mbagħad jtella' l-bandiera jew attrezzatura oħra għall-pożizzjoni orizzontali bil-manku tal-bandiera vertikali.

(b) Jekk it-*taximeter* ma għandux bandiera jew attrezzatura oħra bil-kliem GĦALL-KIRI –

(i) meta jkun wieqaf jew ifittex il-kiri, juri f'pożizzjoni li tidher ċar fuq il-vettura sinjal li fuqu jidħru sew il-kliem GĦALL-KIRI;

(ii) meta t-*taxicar* tinkera, ineħħi jew iqiegħed s-sinjal imsemmi fis-subparagrafu (b) (i) f'tali pożizzjoni li l-kliem fuqu ma jinqrawx konvenjentement ;

(iii) meta jkun wieqaf jew ifittex il-kiri, iżomm il-*meter* imsakkar fil-pożizzjoni li fiha ma jkun irreġistrat l-ebda nol fuq wiċċ il-*meter*;

(iv) meta t-*taxicar* tinkera, fil-bidu tal-kirja, iħaddem il-makkinarju tat-*taximeter* billi jċaqlaq it-tagħmir imwaħħal għal dak l-iskop sabiex il-kelma MIKRI tinqara fuq wiċċ il-*meter*;

(v) minnufih kif tintemm il-kirja, iwaqqaf lit-*taximeter* milli jirreġistra iżda l-ammont tan-nol reġistrat għandu jibqa' muri fuq it-*taximeter* sabiex jippermetti lil min jikri li jkollu opportunità xierqa li jeżaminah.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, il-frażi "meta t-*taxicar* tinkera" għandha tfisser il-ħin u/jew post li minnu l-proprjetarju jew ix-xufier huwa intitolat li jitlob u jieħu n-nolijiet xierqa li jistgħu jiġu preskritti minn żmien għal żmien.

Pjanċi.

57. Pjanċa ta' daqs u disinn approvati, li turi d-dawra minima effettiva tat-*tyre* fuq ir-roti tal-vettura li biha jista' jitħaddem it-*taximeter* u li biha l-ħidma u preċiżjoni tiegħu jistgħu jiġu ttestjati, għandha titwaħħal sew mal-*gearbox* tat-*taximeter* jew mat-*taximeter* innifsu b'tali mod li ma tkunx tista' tinqala'.

Tifsira addizzjonali.

58. F'din it-Taqsima ta' dawn ir-regolamenti l-frażi "d-dawra minima effettiva" għandha tfisser id-distanza koperta mit-*tyre* f'revoluzzjoni waħda sħiħa meta t-*taxicar* mimlija sal-massimu bil-passiġġieri tiġi mbuttata 'l quddiem f'linja dritta.

Twaħħil u tiswija tat-*taximeters*.

59. It-*taximeters* għandhom jitwaħħlu jew jissewwew biss minn persuni awtorizzati bil-miktub mill-Awtorità u għandhom jitwaħħlu f'tali pożizzjonijiet u b'tali mod li jista' jiġi approvat mill-Awtorità, sabiex jistgħu jinqraw sew minn min jikri t-*taxicar* li jkun fil-vettura u mix-xufier.

Taximeter għandu jitwaħħal qabel it-testijiet tat-triq.

60. Qabel ma *taximeter* jintuża għal servizz pubbliku, għandu, kif indikat mill-Awtorità, jiġi ppreżentat imwaħħal sew fuq it-*taxicar* li fuqha jkun se jintuża, sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet fit-toroq mill-eżaminaturi ta' l-Awtorità.

Taximeter partikolari għal kull *taxicar*.

61. It-*taximeter* jew *taximeter-gearbox* jista' jitwaħħal biss fuq it-*taxicar* li għaliha jkun ġie ttestjat u approvat kif hawn qabel imsemmi.

Dawra tat-*tyres*.

62. It-*tyres* tat-*taxicar* li fuqha jitwaħħal *taximeter* għandu jkollhom dawra effettiva mhux inqas mid-daqs immarkat fuq it-*taximeter-gearbox* jew fuq it-*taximeter* innifsu u m'għandhiex teċċedi dan id-daqs b'aktar minn ħamsa fil-mija.

Taximeter difettuż.

63. L-ebda *taximeter* li huwa b'kull mod difettuż ma għandu jintuża fuq *taxicar* u l-vettura li huwa mwaħħal magħha għandha tiġi rtirata mis-servizz minnufih sakemm it-*taximeter* jissewwa jew jiġi sostitwit minn *taximeter* ieħor. Fiż-żewġ każi t-*taxicar* ma għandhiex tintuża għas-servizz pubbliku qabel ma t-*taximeter* hekk imsewwi, jew it-*taximeter* ġdid, ma jiġi stallat.

Taqsima VI

TREAD DEPTH MINIMU TAT-*TYRES*

Tread depth minimu tat-*tyres*.

64. It-*tread depth* minimu fix-xquq ewlenin tat-*tyres* ta' vetturi fil-Kategorija M1, N1 u O1 u O2 għandu jkun ta' 1.6 mm meta jiċċirkolaw fit-toroq f'Malta.

Vettura ma tistax tiċċirkola jekk ma għandhiex dan it-*tread depth* minimu.

65. L-ebda vettura fil-Kategorija M1, N1, O1 u O2 ma għandha tiġi permessa li tiċċirkola fit-triq jekk it-*tread depth* ta' kull *tyre* ikun inqas mill-fond minimu stipulat fir-regolament 64.

Esklużjonijiet.

66. Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jeskludi mill-applikazzjoni tar-regolament 64 xi vetturi li huma dikjarati ta' valur storiku u mhux użati frekwentement fit-triq, li huma oriġinarjament mgħammra b'*tyres* li, meta kienu ġodda, kellhom *tread depth* inqas minn 1.6 mm.

Taqsima VII

STALLAZZJONI U UŻU TA' *BUS TICKETING MACHINES*

Applikabbiltà.

67. *Buses* liċenzjati mill-Awtorità bħala parti mis-*Scheduled Bus Service* għandu jkollhom imwaħħla *bus ticketing machine* ta' disinn approvat mill-Awtorità.

68. Il-*bus ticketing machines* għandhom jitwaħħlu jew jissewwew biss minn persuni awtorizzati bil-miktub mill-Awtorità u għandhom ikunu f'tali pożizzjoni u b'tali mod kif jista' jiġi approvat mill-Awtorità, sabiex ikun jista' jinqara sew mix-xufier. Twaħħil u tiswija tal-*bus ticketing machines*.

69. Il-proprjetarju tal-vettura għandu jaċċerta li t-tagħmir tal-biljetti tal-*buses* huwa: Dmirjiet ta' l-impriża jew il-proprjetarju.

– stallat skond il-linji ta' gwida maħruġa mill-Awtorità;

– jaħdem sew meta l-*bus* qed tintuża fuq is-*scheduled bus service*

– użat mix-xufier bil-mod stabbilit fir-regolament 70.

70. Xufier ta' vettura li taqa' taħt din it-Taqsima għandu jkun responsabbli li jaċċerta li: Dmirijiet tax-Xufiera.

(a) il-*bus ticketing machine* tkun mixgħula u taħdem sew fil-bidu ta' kull ħin tas-sewqan;

(b) id-dettalji personali tiegħu ddaħħlu fil-*bus ticketing machine* qabel kull perijodu ta' sewqan;

(ċ) in-numru tar-rotta ddaħħal fil-*bus ticketing machine*;

(d) kul nol tal-passiġġieri miġbur jiġi rreġistrat fuq il-makna tal-biljetti u tinħareġ irċevuta f'forma ta' biljett;

71. L-ebda *bus ticketing machine* li tkun b'xi mod difettuża ma għandha tintuża fuq *bus* u l-vettura li hija mwaħħla fuqha għandha tiġi rtirata mis-servizz wara li l-vjaġġ relattiv jintemm sakemm il-makna msemmija tissewwa jew tiġi sostitwita. Fiż-żewġ każi, il-*bus* ma għandhiex tintuża għas-servizz pubbliku qabel ma l-*bus ticketing machine* hekk imsewwija, jew il-makna l-ġdida, tkun istallata. *Bus ticketing machine* difettuża.

72. Uffiċjal awtorizzat li jispezzjona għandu jivverifika l-konformità ma' dawn ir-regolamenti permezz ta' analiżi ta' l-irċevuti fil-forma ta' biljett, informazzjoni maħruġa jew qari elettroniku ta' informazzjoni maħżuna mill-*bus ticketing machine*. Verifiki dwar konformità.

Taqsima VIII

REATI U PIENI

Offiżi u multi.

73. (1) L-ebda persuna ma għandha:

(a) tiffalsifika, tissopprimi jew tħassar informazzjoni maħżuna fuq ir-*record sheet*, maħżuna fit-tagħmir jew fuq *print-outs* mit-tagħmir u, fil-każ ta' *recording equipment*, fuq *driver card*.

(b) twettaq manipolazzjoni tat-tagħmir, ir-*record sheet* jew id-*driver card* li tista' twassal li l-informazzjoni maħżuna u, jew maħruġa tiġi ffalsifikata, soppressa jew imħassra.

(ċ) iġġorr attrezzaturi li jistgħu jintużaw għal dan l-iskop fuq il-vettura.

(d) tiffalsifika reġistrazzjonijiet jew dħul fuq kull *record sheet* bl-iskop li tqarraq, tbiddel jew tikkawża jew tippermetti li tinbidel tali reġistrazzjoni jew daħla;

(e) tbagħbas f'xi *recording equipment* stallat skond dawn ir-regolamenti jew xi linji ta' gwida forniti mill-Awtorità sakemm mhux debitament awtorizzat mill-Awtorità biex tagħmel dan.

(2) L-Awtorità tista' timponi fuq kull persuna li twettaq ir-reati msemmija fis-subregolament (1) multa ta' Lm50.

(3) Kull persuna li b'kull mod ieħor tonqos milli tikkonforma ma' dawn ir-regolamenti tista' teħel ammenda ta' Lm50.

(4) Iżda meta r-reat jew nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-regolamenti jwassal għal, jew jista' jkun il-possibbli kawża ta' reat li jsiru proċedimenti dwaru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-Ġudikatura Kriminali tagħha jew il-Qorti Kriminali, l-ammenda jew multa inkwistjoni jkunu dejn ċivili rikoverabbli mill-Awtorità mat-tmiem tal-proċeduri kriminali.

L-EWWEL SKEDA

PIŻIJIET U DIMENSJONIJIET MASSIMI ĠENERALI U KARATTERISTIĊI RELATATI TAL-VETTURI

(Regolamenti 8, 9, 10, 11)

1	**Dimensjonijiet massimi awtorizzati (m)**	
1.1	*Tul massimu:*	
	- vettura bil-mutur	12.0 m
	- *trailer*	12.0 m
	- *articulated vehicle*	16.5 m
	- *road train*	18.75 m
	- *articulated bus*	18.0 m
1.2.	*Wesgħa massima*	
	- Vetturi kollha	2.55 m
	- Vetturi friġġ	2.6 m
1.3.	*Għoli massimu (kull vettura)*	4.0 m
1.4.	*Superstrutturi li jinqalgħu u oġġetti tal-merkanzija standardizzati bħal containers huma inklużi fid-dimenzjonijiet speċifikati fil-punti 1.1, 1.2, 1.3, 1.6,1.7,1.8 u 4.4*	
1.5	Kull vettura bil-mutur jew kombinazzjoni ta' vetturi li tkun miexja għandha tkun tista' ddur f'ċirku ta' radju estern ta' 12.50 m u radju intern ta' 5.30 m	
1.6	Distanza massima bejn l-*axis* tal- *king pin* tal-ħames rota u l-warrani ta' semi-*trailer*	12.0 m
1.7	Distanza massima mkejla paralleli ma' l-assi longitudinali tar-*road train* mill-punt estern l-aktar 'il quddiem taż-żona tat-tagħbija wara l-kabina sal-punt estern l-aktar lura tat-*trailer* tal-kombinazzjoni, bit-tnaqqis tad-distanza bejn il-warrani tal-vettura li tiġbed u quddiem tat-*trailer*.	15.65 m

1.8.	Distanza massima mkejla paralleli ma' l-assi longitudinali tar-*road train* mill-punt estern l-aktar 'il quddiem taż-żona tat-tagħbija wara l-kabina sal-punt estern l-aktar lura tat-*trailer* tal-kombinazzjoni	16.4 m
2	**Piż massimu awtorizzat tal-vettura (f'tunnellati)**	
2.1	*Vetturi li jiffurmaw parti minn kombinazzjoni ta' vetturi*	
2.1.1	*Trailer* b'żewġ fisien	18.0-il tunnellata
2.1.2	*Trailer* bi tliet fisien	24.0-il tunnellata
2.2	*Kombinazzjonijiet ta' vetturi*	
2.2.1	*Road trains* b'ħames jew sitt fisien	
	a) vettura bil-mutur b'żewġ fisien bi *trailer* bi tliet fisien	40.0 tunnellata
	b) vettura bil-mutur bi tliet fisien bi *trailer* b'żewġ jew bi tliet fisien	40.0 tunnellata
2.2.2	*Articulated vehicles* b'ħames jew sitt fisien	
	(a) vettura bil-mutur b'żewġ fisien bi *trailer* bi tliet fisien	40.0 tunnellata
	(b) vettura bil-mutur bi tliet fisien bi *trailer* b'żewġ jew bi tliet fisien	40.0 tunnellata
	(ċ) vettura bil-mutur bi tliet fisien bi *trailer* b'żewġ jew bi tliet fisien li ġġor *container* ISO ta' 40 pied bħala operazzjoni ta' trasport ikkombinat	44.0 tunnellata
2.2.3	*Road trains* b'erba' fisien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fisien u *trailer* b'żewġ fisien	36.0 tunnellata
2.2.4	*Articulated vehicles* b'erba' fisien li jikkonsistu f'vettura bil-mutur b'żewġ fisien u semi-*trailer* b'żewġ fisien, jekk id-distanza bejn il-fisien tas-semi-*trailer*:	
2.2.4.1	hi 1.3m jew aktar iżda mhux aktar minn 1.8m	36.0 tunnellata
2.2.4.2	hi aktar minn 1.8 m	36.0 tunnellati[1]

[1] + 2 tunnellati fejn il-piú massimu awtorizzat (PMA) (18.0-il tunnellata) u l-PMA tal-fus *tandem* tas-semi-trailer (20.0 tunnellata) huma móarsa u l-fus li jmexxi góandu *twin tyres* u *air suspension* jew *suspension* magħrufa bħala ekwivalenti fl-Istati tal-Ftehim.

2.3.	*Vetturi bil-Mutur*	
2.3.1	Vetturi bil-mutur b'żewġ fisien	18.0 tunnellati
2.3.2	Vetturi bil-mutur bi tliet fisien	25.0 tunnellata[2]
2.3.3	Vetturi bil-mutur b'erba' fisien, b'żewġ fisien li jimmanuvraw	32.0 tunnellata[3]
2.4	*Articulated buses bi tliet fisien*	28.0 tunnellati
3	**Piż massimu awtorizzat tal-fisien (tunnellati)**	
3.1	*Fisien weħidhom*	
	- fis waħdu ma jmexxix	10.0 tunnellati
3.2	*Fisien tandem ta' trailers u semi-trailers*	
	L-addizzjoni tal-piżijiet tal-fisien għal kull fus *tandem* m'għandux jeċċedi, jekk id-distanza (d) bejn il-fisien hija:	
3.2.1	Inqas minn 1.0m	11.0-il tunnellata
3.2.2	Bejn 1.0 u inqas minn 1.3 m	16.0-il tunnellata
3.2.3	Bejn 1.3 u inqas minn 1.8 m	18.0-il tunnellata
3.2.4	1.8 m u aktar	20.0 tunnellata
3.3	*Tri-fisien ta' trailers u semi-trailers*	
3.3.1	1.3 m jew anqas	21.0 tunnellata
3.3.2	Iktar minn 1.3 u sa 1.4 m	24.0 tunnellata
3.4	*Fus li jmexxi*	
3.4.1	Fus li jmexxi tal-vetturi msemmija f'2.2.1 u 2.2.2	11.5-il tunnellata
3.4.2	Fus li jmexxi tal-vetturi msemmija f'2.2.3, 2.2.4 u 2.4	11.5-il tunnellata
3.5	*Fisien tandem ta' vetturi bil-mutur*	
	L-addizzjoni tal-piżijiet tal-fisien għal kull fus *tandem axle* m'għandux jeċċedi, jekk id-distanza (d) bejn il-fisien hija:	

[2] 26.0 tunnellata fejn il-fus li jmexxi għandu *twin tyres* u *air suspension* jew *suspension* magħrufa bħala ekwivalenti fl-Istati tal-Ftehim jew fejn kull fus li jmexxi għandu *twin tyres* u l-piż massimu ta' kull fus ma jeċċedix 9.0 tunnellati

[3] fejn il-fus li jmexxi għandu *twin tyres* u *air suspension* jew *suspension* magħrufa bħala ekwivalenti fl-Istati tal-Ftehim jew fejn kull fus li jmexxi għandu *twin tyres* u l-piż massimu ta' kull fus ma jeċċedix 9.5 tunnellati

3.5.1 3.5.2 3.5.3 3.5.4	Inqas minn 1.0m Bejn 1.0 u inqas minn 1.3 m Bejn 1.3 u inqas minn 1.8 m 1.8m u aktar	11.5-il tunnellata 16.0-il tunnellata 18.0-il tunnellata 19.0-il tunnellati[4]
4	**Karatteristiċi relatati**	
4.1	*Vetturi kollha* Il-piż li jinġarr mill-fus li jmexxi jew fisien li jmexxu ta' vettura jew kombinazzjoni ta' vetturi m'għandux ikun inqas minn 25 % tal-piż mgħobbi totali tal-vettura jew kombinazzjoni ta' vetturi, meta użati fit-traffiku internazzjonali.	
4.2	*Road trains* Id-distanza bejn il-fus warrani ta' vettura bil-mutur u fus ta' quddiem ta' *trailer* m'għandhiex tkun inqas minn 3.00 m	
4.3	*Piż massimu awtorizzat skond il-wheelbase* Il-piż massimu awtorizzat f'tunnellati ta' vettura bil-mutur m'għandux jeċċedi ħames darbiet id-distanza f'metri bejn l-*axes* tal-fisien ta' quddiem u wara nett tal-vettura	
4.4	*Semi-trailers* Id-distanza mkejla orizzontament bejn l-*axis* u l-*king pin* tal-ħames rota u kull punt fuq quddiem tas-*semi-trailer* ma għandhiex teċċedi 2.04m	

[4] 19.0-il tunnellata fejn il-fus li jmexxi għandu *twin tyres* u *air suspension* jew *suspension* magħrufa bħala ekwivalenti fl-Istati tal-Ftehim jew fejn kull fus li jmexxi għandu *twin tyres* u l-piż massimu ta' kull fus ma jeċċedix 9.5 tunnellati.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 12)

PIŻIJIET U DIMENSJONIJIET MASSIMI GĦAL VETTURI TAT-TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI REĠISTRATI F'MALTA U UŻATI ESKLUSIVAMENT F'MALTA

Il-valuri kollha ta' piżijiet indikati huma validi bħala *standards* ta' ċirkolazzjoni u għalhekk jirriferu għal kondizzjonijiet ta' tagħbija, u mhux *standards* tal-produzzjoni.

Tul massimu:	12.0 m
Wesgħa massima:	2.55 m
Għoli massimu:	3.6 m
Piż massimu	15.0-il tunnellata fejn il-vettura għandha aktar minn 4 roti[1]

Il-vetturi kollha għandu jkollhom pjan wieħed biss.

[1] 12.0-il tunnellata fejn il-vettura għandha 4 roti. F'kull każ il-piż mgħoddi għat-triq minn kull żewġ roti fuq fus m'għandux jeċċedi 8.0 tunnellati

B 2004

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 14)

PJANĊA DWAR DIMENSJONIJIET

I. Il-pjanċa dwar id-dimensjonijiet, fejn possibbli mwaħħla viċin tal-pjanċa msemmija fir-regolament 14, għandu jkollha din l-informazzjoni:

1. isem tal-fabbrikant ([1]);

2. numru ta' identifikazzjoni tal-vettura([1]);

3. tul tal-vettura bil-mutur, *trailer* jew *semi-trailer* (L);

4. wesgħa tal-vettura bil-mutur, *trailer* jew semi-*trailer* (W);

5. informazzjoni għall-kejl tat-tul ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi:

- id-distanza (a) bejn quddiem tal-vettura bil-mutur u ċ-ċentru tal- *coupling device (coupling hook* jew il-ħames rota); fil-każ tal-ħames rota b'ħafna *coupling points*, il-valuri minimi u massimi għandhom jingħataw (amin u amass),

- id-distanza (b) bejn iċ-ċentru tal- *coupling device* tat-*trailer* (ċirku tal-ħames rota) jew tas-*semi-trailer* (*kingpin*) u l-warrani tat-*trailer* jew tas-*semi-trailer*; f'każ ta' attrezzatura b'ħafna *coupling points*, għandhom jingħataw il-valuri minimi u massimi (bmin u bmass).

It-tul tal-kombinazzjonijiet tal-vetturi hu t-tul tal-vettura bil-mutur u t-*trailer* jew *semi-trailer* mqiegħdin f'linja dritta wara xulxin.

II. Il-valuri mogħtija fuq il-prova tal-konformità għandhom jirriproduċu eżattament il-kejl li jkun sar direttament fuq il-vettura.

([1]) Din l-informazzjoni m'għandhiex għalfejn tiġi ripetuta fejn il-vettura għandha pjanċa waħda b'informazzjoni kemm dwar pożijiet kemm dwar dimensjonijiet.

IR-RABA' SKEDA

(Regolament 28)

VETTURI EŻENTI MIR-REKWIŻIT LI JISTALLAW IR-*RECORDING EQUIPMENT*

1. Vetturi b'veloċità massima awtorizzata ta' mhux aktar minn 30 k/s.

2. Vetturi użati minn jew taħt il-kontroll tas-servizzi armati, difiża ċivili, servizzi tan-nar u forzi responsabbli biex iżommu l-ordni pubbliku.

3. Vetturi użati b'konnessjoni ma' drenaġġ, protezzjoni kontra l-għargħar, servizzi ta' l-ilma, gass u elettriku, manutenzjoni u kontroll tat-toroq, ġbir u rimi ta' l-iskart, servizzi ta' telegrafija u telefonija, ġarr ta' oġġetti postali, xandir bir-radju u t-televiżjoni u skoperta ta' trasmittenti jew riċevituri tar-radju jew televiżjoni.

4. Vetturi użati f'operazzjonijiet ta' emerġenza u salvataġġ.

5. Vetturi speċjalizzati użati għal skopijiet mediċi.

6. Vetturi li jittrasportaw tagħmir taċ-ċirku u l-fieri.

7. Vetturi speċjalizzati għall-ħsarat.

8. Vetturi sottomessi għat-testijiet tat-toroq għal żvilupp tekniku, tiswija jew manutenzjoni, u vetturi ġodda jew mibnija mill-ġdid li għadhom ma tqegħdux fis-servizz.

9. Vetturi użati għall-ġarr mhux kummerċjali tal-merkanzija għal użu personali.

10. Vetturi użati għall-ġbir tal-ħalib mill-irziezet jew radd lill-irziezet tal-koneniturі tal-ħalib jew prodotti tal-ħalib maħsuba għat-tmigħ ta' l-annimali.

11. Vetturi użati għal servizzi internazzjonali regolari tal-passiġġieri, meta r-rotta li taqsam il-fruntiera ma tkunx teċċedi l-100 km f'linja dritta.

IL-ĦAMES SKEDA

(Regolament 35)

PROĊEDURI GĦALL-VERIFIKA U L-ISPEZZJONI TAR-*RECORDING EQUIPMENT*

L-Awtorità għandha tinnomina l-korpijiet li għandhom iwettqu l-verifiki u l-ispezzjonijiet.

1. Attestament ta' strumenti ġodda jew imsewwija: Kull tagħmir individwali, kemm jekk ġdid jew imsewwi għandu jiġi attestat dwar l-operazzjoni korretta tiegħu u l-preċiżjoni tal-qari u r-reġistrazzjonijiet tiegħu, fil-limiti mwaqqfa mill-Awtorità, permezz ta' siġillar skond ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Awtorità.

2. L-Awtorità tista' titlob verifika inizjali, li tikkonsisti f'verifika u konferma tal-konformità ta' tagħmir ġdid jew imsewwi bil-mudell approvat dwar it-tip, jew tista' tiddelega l-poter ta' attestazzjoni lill-fabbrikanti jew lill-aġenti awtorizzati.

3. Meta jitwaħħlu fuq vettura, it-tagħmir u l-istallazzjoni sħiħa għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar tolleranzi massimi stabbliti mill-Awtorità.

It-testijiet ta' spezzjoni għandhom jitwettqu mill-*fitter* jew *workshop* approvat jew fuq responsabbiltà tiegħu.

4. (a) Spezzjonijiet regolari ta' tagħmir imwaħħal fuq vetturi għandhom iseħħu għall-inqas kull sentejn u jistgħu jitwettqu flimkien ma' testijiet għar-*roadworthiness* tal-vetturi.

Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jinkludu l-verifiki li ġejjin:

- li t-tagħmir jaħdem sew, inkluż it-trasferiment ta' informazzjoni minn jew għall-*workshop card*,
- li t-tagħmir għandu l-marka ta' approvazzjoni dwar tip,
- li l-pjanċa ta' l-istallazzjoni hi mwaħħla
- li s-siġilli fuq it-tagħmir u partijiet oħrajn ta' l-istallazzjoni huma intatti,

- id-dawra attwali tat-*tyres*.

(b) Għandha titwettaq spezzjoni biex taċċerta konformità ma' kull liġi jew Regolament fis-seħħ f'Malta dwar it-tolleranzi massimi li jintużaw għall-inqas darba kull sitt snin, għalkemm l-Awtorità tista' tiffissa intervall i qsar għal tali spezzjoni tal-vetturi r reġistrati fit-territorju tagħha. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jinkludu sostituzzjoni tal-plakka ta' l-istallazzjoni.

4. Il-kejl ta' żbalji fl-istallazzjoni u matul l-użu għandu jitwettaq taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu kondizzjonijiet *standard* tat-testijiet:

- vettura mhux mgħobbija, li taħdem normali

- arja fit-*tyres* skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant,

- tmermir tat-*tyre* fil-limiti permessi mill-liġi,

- ċaqliq tal-vettura: il-vettura għandha tipproċedi, immexxija mill-makna tagħha stess, f'linja dritta u fuq wiċċ ċatt, b'veloċità ta' 50 ± 5 km/s; jekk hu ta' preċiżjoni komparabbli, it-test jista' wkoll isir fuq bank xieraq tat-testijiet.